V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

## Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-17 ta' Diċembru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Finanzgericht Hamburg – il-Ġermanja) – YARA Brunsbüttel GmbH vs Hauptzollamt Itzehoe

**(Kawża C-529/14)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Tassazzjoni fuq prodotti ta' energija u elettriku — Artikolu 2(4)(b) — Prodotti ta' enerġija b'użu doppju — Kunċett — Prodott tal-enerġija użat għat-trattament termali tal-iskart u effluwent ta' gass fl-arja)***

(2016/C 078/02)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* YARA Brunsbüttel GmbH

*Konvenut:* Hauptzollamt Itzehoe

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 2(4)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' energija u elettriku, li ġiet emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 2004/75/KE, tad-29 ta' April 2004, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-gass naturali użat, min-naħa, għall-finijiet ta' tisħin żejjed u ta' tnixxif tal-fwar li ser iservi fil-proċess ta' produzzjoni tal-ammonja u, min-naħa l-oħra, għad-dekompożizzjoni termali u għar-rimi ta' gassijiet ta' skart ta' dan il-proċess, ma jikkostitwixxix, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, prodott ta' enerġija b'użu doppju li huwa eskluż fil-kamp ta' din id-direttiva. Konsegwentement, l-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjoni fiskali skont l-użu ta' tali prodott ta' enerġija biss sa fejn l-eżenzjoni tkun konformi mal-obbligi ffissati mid-Direttiva 2003/96, li ġiet emendata bid-Direttiva 2004/75.*

([1]) ĠU C 65, 23.2.2015.